*Ref: P-001-2016*

**FIL-QORTI CIVILI PRIM' AWLA**

**Imhallef: Onor. Jacqueline Padovani Grima LL.D**

**Fl-atti tas-Subbasta Mobbli Nru. 104/98**

**Fl-ismijiet:**

**Joseph Azzopardi pen**

**vs.**

**Dr. Ray Zammit noe et**

REGISTRY SUPERIOR COURT
No. 2215
27 SEP 2017
PAID

**Relazzjoni tal-A.I.C. Albert Fenech**

**Valutazzjoni tal-fondi Numru: 402, 404, u 405,**

**Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar**

Illum 27 ta Settembru 2017
ALBERT FENECH (558321M)
Deputat Registratur

*Settembru 2017*

c. *Avv. Karmenu Mifsud Bonnici*

*Ref: P-001-2016*

**FIL-QORTI CIVILI PRIM'AWLA**

**Imhallef: Onor. Jacqueline Padovani Grima LL.D.**

**Fl-Atti tas-Subbasta Nru: 104/98**

**Fl-ismijiet:**
**Joseph Azzopardi pro et noe**
**vs.**
**Dr. Raymond Zammit noe et**

**<u>Relazzjoni tal-A.I.C. Albert Fenech</u>**

Jesponi bir-rispett illi:

01) Fis-seduta tal-24 ta' Awwissu 2017, din l-Onorabbli Qorti ghogobha tinnomina lill-espoent jaghti stima aggornata tal-fondi Numru: 402, Numru: 404, u Numru: 405, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar, li kienu gew ittrattati f'April 2001 fil-Kawza Citaz. Nru: 1082/94 *(N/A)*.

02) In adempiment tal-inkarigu lilu moghti, l-esponent qeghed jaghti deskrizzjoni tal-fondi in kwsitjoni, u jirrileva illi:

03) **Il-fond Numru: 402, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar**, jinsab kantuniera ma' Triq Stella Maris, u jikkonsisti f'dar sovrastanti il-fondi Numru: 1 u Numru: 2, Triq Stella Maris, tal-istess eredi.
L-imsemmi fond Numru:402, jikkonsisti f'*sitting room* bil-bieb Numru 402 fi Triq San Pawl u tieqa fuq Triq Stella Maris; *dining room* combined maghha b'tieqa ghal Triq San Pawl, li fil-fatt kienet giet iffurmata minn bieb Numru: 403; kcina b'*light shaft* warajha, wara d-*dining room*; *bedroom* wara s-*sitting room*, b'tieqa ghal fuq Triq Stella Maris; *bedroom* ohra, b'gallarija aperta ghal fuq Triq Stella Maris, wara dik ta'wara s-*sitting room*; *lobby*, kamra tal-banju, u garigor, kollha adjacenti ghall-imsemmija *bedroom* b'gallarija aperta, u retroposti ghall-kcina.
L-imsemmi garigor jitla' ghal *washroom* sovrastanti l-kcina u ghall-bejt.

04) **Il-fond Numru: 404, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar**, jikkonsisti f'terran, b'*basement* sottostanti.
Il-pjanterren jikkonsisti f'kamra fuq quddiem bil-bieb Numru: 404 u tieqa ghat-triq; u f'kamra ohra warajha, b'logga li fiha hemm medda tarag ghall-*basement*.
Il-*basement* jikkonsisti f'kamra taht dik fuq in-naha ta'quddiem, b'dahla b'*toilet* taht sprall fil-bankina; fi kcina warajha, fejn tisbokka il-medda tarag mill-imsemmija logga; u f'bitha f'livell aktar baxx wara l-logga, b'medda turgien 'l isfel fl-istess bitha fuq wara nett.

05) **Il-fond Numru: 405, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar**, jikkonsisti f'terran, b'*basement* sottostanti.
Il-pjanterren jikkonsisti f'kamra fuq quddiem bil-bieb Nmuru: 405 u tieqa ghat-triq; u f'kamra ohra warajha, b'logga li fiha hemm medda tarag ghall-basement, u tarag iehor ghal bejt.
Il-*basement* jikkonsisti f'kamra taht dik fuq in-naha ta' quddiem b'tieqa fl-gholi ghal fuq il-bankina; u b'dahla b'*toilet* u docca taht sprall fil-bankina; fi kcina wara l-imsemmija kamra; bit-tarag tiela' minnha ghall-imsemmija logga; f''logga wara il-kcina; u f'bitha f'livell aktar baxx, b'medda turgien 'l-isfel fl-istess bitha fuq wara nett.

06) Kif kien issuggerixxa l-esponent, ghal fini ta' zvilupp l-aktar vantaggjuz ghall-eredi involuti, kif ukoll ghax-xerrejja, il-bejgh ta' dawn il-fondi ghandu possibilment jigi kkonsidrat globalment, billi jinbieghu flimkien.

07) Wara li ha in konsiderazzjoni l-kobor u il-posizzjoni tal-fondi in kwistjoni, il-possibiltàta' ta' zvilupp aktar addattat ghall-esigensi u kumditjiet odjerni, kif ukoll iz-zmien presenti,, u c-cirkostanzi l-ohra kollha relevanti, l-esponent jistma l-imsemmija tliet fondi adjacenti, kif indikat hawn taht:

A) **Il-fond Numru: 402, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar,** *Mija u sebghin Elf Euro* **€ 170,000.**
55 904

B) **Il-fond Numru: 404, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar,** *Mija u erbghin Elf Euro* **€ 140,000.**
46 587

C) **Il-fond Numru: 405, Triq San Pawl, San Pawl il-Bahar,** *Mija u erbghin Elf Euro* **€ 140,000.**
46 587

Tant ghandu l-unur jissottometti l-esponent ghall-konsiderazzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti.

*Settembru 2017*

A Fenech

***A. Fenech A.I.C.***

*Perit Tekniku*

c. *Avv. Karmenu Mifsud Bonnici*

Illum 27 SEP 2017

Ipprezentata mill- Perit Albert Fenech.

B'/Bla dok ______ dokumenti